Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1200/2005**

tas-26 ta' Lulju 2005

dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf u l-awtorizzazzjoni provviżorja għal użu ġdid ta' addittiv li diġà huwa awtorizzat fl-għalf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 287M, 18.10.2006, p. 6)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/2006 tad-29 ta' Settembru 2006	L 314M	22	1.12.2007
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 516/2008 ta' l-10 ta' Ġunju 2008	L 151	3	11.6.2008
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 104/2010 tal-5 ta' Frar 2010	L 35	4	6.2.2010
►**M4**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 170/2011 tat-23 ta' Frar 2011	L 49	8	24.2.2011

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1200/2005

tas-26 ta' Lulju 2005

dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf u l-awtorizzazzjoni provviżorja għal użu ġdid ta' addittiv li diġà huwa awtorizzat fl-għalf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar l-addittivi fl-għalf [1], u partikolarment l-Artikoli 3 u 9d(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali.

(2) L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistabbilixxi l-miżuri ta' tranżizzjoni għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi ta' l-għalf imressqa skond id-Direttiva 70/524/KEE qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi elenkati fl-Annessi ta' dan ir-Regolament tressqu qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Kummenti tal-bidu mill-Istati Membri dwar dawk l-applikazzjonijiet li nħarġu skond l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/524/KEE tressqu lill-Kummissjoni qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Dawk l-applikazzjonijiet għalhekk ser jibqgħu jitqiesu skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 70/524/KEE.

---

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1800/2004 (ĠU L 317, 16.10.2004, p. 37).

[2] ĠU L 268, 18. 10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, tal-5.3.2005, p. 8).

▼B

(5) L-użu tas-sustanza li tinkoraġġixxi t-tkabbir Formi LHS (diformat tal-potassju) kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnienes u ħnieżer għat-tismin mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1334/2001 ([1]). Il-persuna risponsabbli għat-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni ta' Formi LHS (diformat tal-potassju) ressqet applikazzjoni sabiex tikseb awtorizzazzjoni provviżorja għall-estensjoni ta' l-użu għal erba' snin, bħala sustanza li tinkoraġġixxi t-tkabbir ta' ħnieżer femminili, skond l-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva. L-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel (EFSA) wasslet opinjoni dwar is-sikurezza ta' l-użu ta' din il-preparazzjoni għall-bnedmin, għall-annimali u għall-ambjent, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(a) 1 tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni, kif speċifikat fl-Anness I għandu jkun awtorizzat proviżorjament għal erba' snin.

(6) L-użu tal-mikro-organiżmu *Bacillus cereus* var. *toyoi* NCIMB 40112/CNCM I-1012 kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għat-tiġieġ għat-tismin u għall-fniek għat-tismin mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1411/1999 ([2]). *Data* ġdida tressqet b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dak il-mikroorganiżmu. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikroorganiżmi kif speċifikat fl-Anness II għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(7) L-użu tal-mikroorganiżmu *Enterococcus faecium* NCIMB 10415 ġie awtorizzat provviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnieżer femminili mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 866/1999 ([3]). *Data* ġdida tressqet b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dak il-mikroorganiżmu. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikroorganiżmi kif speċifikat fl-Anness II għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien

(8) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu *Enterococcus faecium* DSM 10663/NCIMB 10415 kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnienes mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1411/1999. *Data* ġdida tressqet b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dak il-mikroorganiżmu. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikroorganiżmi kif speċifikat fl-Anness II għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(9) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu *Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39 885 kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnienes mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1411/1999. *Data* ġdida tressqet b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dak il-mikroorganiżmu. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikroorganiżmi kif speċifikat fl-Anness II għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

([1]) ĠU L 180, tat-3.7.2001, p. 18 kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 676/2003 (ĠU L 97, tal-15.04.2003, p. 29).
([2]) ĠU L 164, tat-30.6.1999, p. 56.
([3]) OJ L 108, 27.4.1999, p. 21.

▼B

(10) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu *Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għall-baqar u l-barrin għat-tismin u l-baqar tal-ħalib mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1436/98 ([1]). *Data* ġdida tressqet b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dak il-mikroorganiżmu. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikroorganiżmi kif speċifikat fl-Anness II għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(11) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għat-tiġieġ għat-tismin mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/1999. *Data* ġdida tressqet b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dak il-mikroorganiżmu. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikroorganiżmi kif speċifikat fl-Anness II għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(12) L-evalwazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet turi li ċerti proċeduri għandhom ikunu meħtieġa sabiex il-ħaddiema jkunu protetti mill-esponiment għall-addittivi elenkati fl-Annessi. Protezzjoni bħal din għandha tkun assigurata permezz ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri għall-inkoraġġiment tat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol ([2]).

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M3

—————

▼B

Artikolu 2

Il-preparazzjonijiet li jagħmlu parti mill-grupp "Mikro-organiżmi" kif speċifikat fl-Anness II huma awtorizzati għall-użu mingħajr limitu ta' żmien bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Anness.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 191, tas-7.7.1998, p. 15.
([2]) ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p.1).

▼M3

———————

▼B

ANNESS II

Nru KE	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Etàmassima	Kontenut-minimu	Kontenut-massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf sħiħ			
Mikroorganiżmi								
▼M1								
E 1701	*Bacillus cereus* var. toyoi NCIMB 40112/CNCM I -1012	Preparazzjoni għall-*Bacillus cereus* var. *toyoi* li fiha minimu ta': 1×10^{10} CFU/g additttiv	Fniek għat-tismin	—	$0{,}1 \times 10^{9}$	5×10^{9}	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u t-taħlit preliminari, indika t-temperatura tal-ħżin, kemm jista' jdum il-ħżin, u l-istabilità għall-pelleting. Jista' jintuża f'għalf kompost li fih il-coccidiostats permessi: robenidine, salinomycin sodium.	Mingħajr limitu ta' żmien
			Tiġieġ għat-tismin	—	$0{,}2 \times 10^{9}$	1×10^{9}	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u t-taħlit preliminari, indika t-temperatura tal-ħżin, kemm jista' jdum il-ħżin, u l-istabilità għall-pelleting. Jista' jintuża f'għalf kompost li fih il-coccidiostats permessi: monensin sodium, lasalocid sodium, salinomycin sodium, decoquinate, robenidine, narasin, halofuginone, diclazuril, narasin/nicarbazin, maduramicin ammonium.	Mingħajr limitu ta' żmien

▼B

Nru KE	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf sħiħ			
E 1705	*Enterococcus faecium* NCIMB 10415	Preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* li fiha ammont minimu ta': Fil-forma mikroenkapsulata: $1,0 \times 10^{10}$ CFU/g additttiv Fil-forma granulari: 3.5×10^{10} CFU/g additttiv	Ħnieżer femminili	—	0.7×10^{9}	1.25×10^{9}	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting. Ħnieżer femminili ġimgħatejn qabel ma jferrgħu u matul il-perjodu li fih ireddgħu	Mingħajr limitu ta' żmien
E 1707	*Enterococcus faecium* DSM 10 663/NCIMB 10 415	Preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* li fiha minimu ta': Fil-formi ta' trab u granuli: $3,5 \times 10^{10}$ CFU/g additttiv Fil-forma miksija: 2.0×10^{10} CFU/g additttiv Fil-forma likwida: 1×10^{10} CFU/ml additttiv	Ħnienes	—	1×10^{9}	1×10^{10}	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting. Għall-użu fil-ħnienes sa ma jilħqu madwar 35 kg.	Mingħajr limitu ta' żmien

▼B

Nru KE	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Etàmassima	Kontenut-minimu	Kontenut-massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf sħiħ			
E 1710	►M4 ——————— ◄	Preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* li fiha minimu ta': Fil-formi ta' trab, sferi u granuli ovali: 1×10^9 CFU/g additttiv	Ħnienes (miftuma)	—	3×10^9	3×10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. Għall-użu fil-ħnienes miftuma sa ma jilħqu madwar 35 kg.	Mingħajr limitu ta' żmien
E 1711	*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077	Preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* li fiha minimu ta': Fil-forma ta' trab granulari: 2×10^{10} CFU/g additttiv Fil-forma miksija: 1×10^{10} CFU/g additttiv	Baqar tal-ħalib,	—	4×10^8	2×10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. Il-kwantita ta' *Saccharomyces cerevisiae* fir-razzjon ta' kuljum m'għandiex tkun aktar minn $8{,}4 \times 10^9$ CFU għal 100 kg ta' piż tal-ġisem. Żid $1{,}8 \times 10^9$ CFU għal kull 100 kg piż tal-ġisem addizzjonali.	Mingħajr limitu ta' żmien
			Baqar u barrin għat-tismin	—	5×10^8	1.6×10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. Il-kwantita ta' *Saccharomyces cerevisiae* fir-razzjon ta' kuljum m'għandiex tkun aktar minn 4.6×10^9 CFU għal 100 kg ta' piż tal-ġisem. id 2×10^9 CFU għal kull 100 kg piż tal-ġisem addizzjonali.	Mingħajr limitu ta' żmien

▼B

Nru KE	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf sħiħ			
E 1712	*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M	Preparazzjoni ta' *Pediococcus acidilactici* li fiha minimu ta': 1×10^{10} CFU/g additttiv	Tiġieġ għattismin	—	1×10^{9}	1×10^{10}	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. Jista' jintuża f'għalf kompost li fih il-koċċidiostati permessi: *decoquinate, halofuginone, narasin, salinomycin sodium, maduramicin ammonium, diclazuril*	Mingħajr limitu ta' żmien